# QORTI ĊIVILI
# (SEZZJONI FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF
## JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D., LL.M. (IMLI)

**Seduta ta' nhar is-26 ta' Marzu 2024**

**Rikors Nru : 232/2023JPG**

**Kawza Nru : 27**

**SC**

**vs**

**IM**

**Il-Qorti;**

Rat ir-rikors tal-attrici datat 24 t'April 2023 a fol 1 et seqq li jaqra hekk:

1. *Illi l-partijiet iżżewwġu nhar is-sitta (6) ta' Marzu, tas-sena elfejn u għoxrin (2020) fil-Belt Valletta, u dan kif jirriżulta miċ-ċertifikat taż-żwieġ hawn anness u mmarkat bħala* ***Dokument A****.*

2. *Illi minn dan iż-żwieġ ma twieldux ulied.*

3. *Illi l-partijiet huma legalment separati permezz ta' kuntratt datat is-sittax (16) ta' Marzu tas-sena elfejn u tlieta u għoxrin (2023) fl-atti tan-Nutar Dottor Abigail Camilleri, kopja annessa u mmarkata bħala* ***Dokument B****.*

4. *Illi ma hemm l-ebda kwistjonijiet rigwardanti arretrati ta' manteniment peress li l-partijiet irrinunzjaw mid-dritt tagħhom li jitolbu manteniment mingħand xulxin.*

5. *Illi m'hemm l-ebda prospett raġonevoli għal rikonċiljazzjoni bejn il-partijiet peress illi huma illum legalment separati minn xulxin. In oltre', il-partijiet illum għandhom ħajja totalment separata minn xulxin.*

6. *Illi dawn il-fatti hawn fuq imsemmija jissodisfaw il-kondizzjonijiet kollha meħtieġa għall-ksib tad-divorzju skond l-Artikolu 66B tal-Kodici Ċivili, Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta.*

7. *Illi l-esponenti qiegħda tannetti l-affidavit tagħha, ma dan ir-rikors, mmarkat **Dokument C**.*

*Ghaldaqstant l-esponenti titlob bir-rispett illi din l-Onor. Qorti jogħġobha:*

A. *Tippronunzja l-ħall taż-żwieġ ta' bejn il-partijiet ai termini tal-Artikolu 66A et sequitur tal-Kap16 tal-Liġijiet ta' Malta;*

B. *Tordna lir-Reġistratur tal-Qrati sabiex, fiż-żmien imħolli għal daqshekk mill-istess Onorabbli Qorti javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bil-ħall taż-żwieġ tal-partijiet biex dan jigi reġistrat fir-Reġistru Pubbliku.*

Rat illi r-rikors promotur, l-atti esebiti u d-digriet ta' din il-Qorti gew notifikati skond il-ligi;.

Rat il-verbal tat-8 ta' Frar 2024 (fol 32) fejn l-intimat gie dikjarat kontumaci, ma ntavolax risposta u ma deherx il-Qorti;

Rat il-Fakolta' moghtija mill-Qorti lill-intimat sabiex jipprezenta nota ta' sottomissjonijiet ai termini tal-Art 158 (10) Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat illi l-intimat baqa' inadempjenti;

Ezaminat ix-xhieda bil-gurament;

Rat id-dokumenti ezebiti u l-atti kollha tal-kawza;

Rat l-Artikoli 66A, 66B u 66C tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

**Ikkonsidrat:**

**L-attrici xehdet** (vide affidavit fol 13) illi l-partijiet izzewgu nhar is-6 ta' Marzu 2020 u minn dan iz-zwieg ma twieldux tfal. Sostniet illi l-kontendenti sseparaw permezz ta' kuntratt datat 16 ta' Marzu 2023 in atti tan-Nutar Dr Abigail Camilleri. Xehdet illi ma hemm ebda tama ta' rikonciljazzjoni u li ilhom jghixu hajja totalment independenti u separata minn xulxin. Lanqas ma hemm manteniment dovut bejn il-partijiet.

Rat illi l-intimat huwa kontumaci u minkejja li giet moghtija lilu l-Fakolta' li jipprezenta nota ta' sottomissjonijiet, baqa' indadempjenti.

**Ikkonsidrat:**

Rat l-Artikoli 66A u 66B tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta fejn inghad:

> ***66A. (1) Kull wieħed u waħda mill-miżżewġin ikollu l-jedd illi jitlob id-divorzju jew il-ħall taż-żwieġ skont kif inhu maħsub f'dan is-Sub-Titolu. Ma jkunx meħtieg illi qabel ma jiġi mitlub id-divorzju, il-miżżewġin ikunu infirdu minn xulxin b'kuntratt jew b'sentenza.***
>
> ***(… omissis)***
>
> ***66B. Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet li ġejjin ta' dan l-artikolu, id-divorzju ma jistax jingħata ħlief b'talba ta' żewġ persuni miżżewġa flimkien jew ta' waħda minnhom kontra l-oħra, u sakemm il-qorti tkun sodisfatta li:***
>
> ***(a) fil-każ li t-talba tkun qed issir miż-żewġ konjuġi flimkien, fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-anqas sitt xhur mis-sena preċedenti:***
>
> ***Iżda fejn it-talba tkun qed issir minn konjuġi minnhom kontra l-ieħor, fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-anqas***

***sena mis-sentejn preċedenti; jew***

***(b) fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu separati b'kuntratt jew b'sentenza tal-qorti; u***

***(ċ) ma hemm l-ebda prospett raġonevoli għal rikonċiljazzjoni bejn il-miżżewġin; u***

***(d) il-miżżewġin u kull wild tagħhom qed jirċievu manteniment adegwat, fejn hu dovut, skont iċ- ċirkostanzi partikolari tagħhom, kif hemm maħsub fl-artikolu 57:***

***Iżda l-miżżewġin jistgħu f'kull żmien jirrinunzjaw għad-dritt tagħhom ta' manteniment:***

***Iżda wkoll għall-fini ta' dan il-paragrafu, l-manteniment ordnat mill-qorti b'sentenza ta' separazzjoni jew miftiehem bejn il-miżżewġin f'kuntratt ta' separazzjoni għandu jiġi meqjus bħala manteniment adegwat:***

***Iżda wkoll id-divorzju ppronunzjat bejn persuni miżżewġin li kienu separati b'kuntratt jew b'sentenza ma jġib ebda bidla f'dak ordnat jew miftiehem bejniethom, ħlief għall-effetti tad-divorzju li joħorġu mil-liġi.***

**Ikkonsidrat:**

Jirrizulta sodisfacentement ppruvat illi l-partijiet kienu zzewgu nhar is-6 ta' Marzu 2020 liema zwieg jgib certifikat numru 441/2020 (Vide certifikat taz-zwieg, fol 3). Minn dan iz-zwieg ma twieldux tfal.

Jinsab stabbilit ukoll illi l-partijiet isseparaw legalment permezz ta' kuntratt datat 16 ta' Marzu 2023 in atti tan-Nutar Dr Abigail Camilleri. Ghalhekk jirrizulta illi l-kontendenti ilhom jghixu separatament ghal terminu ta' zmien li jeccedi dak rikjest mill-ligi.

Il-Qorti tqis inoltre li ma hemm ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet.

Ghalhekk jirrizulta illi r-rikorrenti irnexxielha tissodisfa r-rekwiziti kollha mehtiega mil-ligi sabiex z-zwieg jigi mahlul.

**Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet, liema zwieg jgib certifikat numru 441/2020 u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fiz-zmien moghti mil-Ligi, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.**

**Il-Qorti tordna illi l-ispejjes jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.**

**Moqrija.**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Lorraine Dalli**
**Deputat Registratur**